



Brussell, 24 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2021/0378(COD)

---

15191/1/23  
REV 1 ADD 1

EF 343  
ECOFIN 1146  
CODEC 2078

#### NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovd iċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għass-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà (**I-ewwel qari**)  
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv  
= Dikjarazzjoni

---

#### Dikjarazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tirrikonoxxi l-potenzjal tal-ESAP li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Madankollu, sabiex l-ESAP ikun suċċess, nemmnu li huwa importanti li jiġi żgurat approċċ ikkalibrat sew rigward l-istabbiliment tal-pjattaforma f'termini tal-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovdu, iż-żmien u l-ispejjeż. F'dan ir-rigward, huwa importanti li fl-ESAP tiġi inkluża informazzjoni, li hija rilevanti għall-investituri u li l-publikazzjoni tagħha ma twassalx għal kostijiet li jegħlbu l-benefiċċji.

Fil-fehma tagħna, ċerti partijiet tal-proposta kienu jibbenfikaw minn valutazzjoni u titjib ulterjuri abbażi ta' diskussjoni bir-reqqa fuq bażi ta' att b'att sabiex jiġu evitati piż u kostijiet żejda kemm fuq l-entitajiet kif ukoll fuq il-korpi ta' ġbir.

Eżempju ta' tali partijiet huma l-emendi proposti fid-Direttiva Omnibus tal-ESAP fir-rigward tad-Direttiva dwar il-Kontabilità u l-MIFID. L-Emendi fid-Direttiva dwar il-Kontabilità joħolqu obbligu sproporzjonat għall-kumpaniji mhux elenkti biex jippubblikaw rapporti finanzjarji fl-ESAP. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet iwasslu għal duplikazzjoni tal-informazzjoni sottomessa mill-istess entitajiet – pereżempju, il-kumpaniji elenkti jkollhom jissottomettu informazzjoni lill-ESAP abbażi kemm tad-Direttiva dwar it-Trasparenza kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Kontabbiltà, possibbilment lil żewġ korpi ta' ġbir differenti, u dan ma jirrispettax il-prinċipju ta' iffajjljar ta' darba biss. Meta wieħed iqis il-MIFID, ir-rekwiżiti imposti fuq il-kumpaniji elenkti fis-swieq tat-Tkabbir tal-SMEs huma kontroproduktivi meta mqabbla mal-objettiv li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq kapitali tal-SMEs.

Aħna nappoġġaw l-objettivi tal-ESAP, madankollu fil-fehma tagħna ċerti aspetti tal-proposta kellhom jiġu indirizzati b'mod aktar adegwat.

---